MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 2513/1996/1

**Tereza Vella f'isimha propju u ghan-nom u bhala kuratrici tal-minuri wliedha Carmelo, Amy u Mario ahwa Vella, u b'digriet tal-10 ta' Awissu 2006 Carmelo u Amy ahwa Vella assumew l-atti tal-kawza f'isimhom propjru.**

**vs**

**David Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Awissu 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi fit-23 ta’ Mejju 1996, f’Hal Far, il-konvenut spara fid-direzzjoni ta’ Emanuel Vella ta’ disgha u tletin (39) sena, bir-rizultat li qatlu kagun tal-griehi li garrab;

Illi l-minuri Carmelo, Amy u Mario ahwa Vella huma l-eredi ta’ missierhom Emanuel Vella, filwaqt li l-attrici Tereza Vella hija mart l-imsemmi Emanuel Vella;

Illi l-atturi soffrew danni kawza ta’ l-istess incident u ghalhekk huma ntitolati ghal hlas ta’ danni skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ l-incident li sehh fit-23 ta’ Mejju 1996 f’Hal Far meta l-konvenut spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta’ Emanuel Vella bil-konsegwenza li kagun tal-griehi li garrab l-imsemmi Emanuel Vella miet;

2. Tillikwida d-danni kkawzati lill-atturi *occorrendo* bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta’ inibizzjoni numru ....../96 ipprezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ Tereza Vella illi kontestwalment giet intavolata mieghu c-citazzjoni, datat 5 ta’ Awissu 1996 a fol. 6 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnominaha bhala kuratrici *ad litem* ta’ l-imsemmija minuri wliedha fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti kollha eventwali u sussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo, laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-30 ta’ Awissu 1996 kif jidher a fol. 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tad-29 ta’ Mejju 1997.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Vella datata 21 ta’ Marzu 1997 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-konvenut m’huwiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ l-incident li sehh fit-23 ta’ Mejju 1996.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jiffissa s-seduti ghall-provi attrici.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-24 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistenta Gudizzjarja lil Dr. Nives Grixti biex tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Nives Grixti u bix-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri sad-data tal-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti kif presjeduta mill-10 ta’ Jannar 2006 sat-18 ta’ April 2007 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datata 30 ta’ Jannar 2006 a fol. 557 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti sabiex tappunta Assistent Gudizzjarju sabiex fil-mori tad-differiment isiru seduti li fihom isir il-kontro-ezami tax-xhieda mressqa mill-konvenut; u l-Qorti kif attwalment presjeduta laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fil-31 ta’ Jannar 2006, u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex b’ordni tal-Qorti tiffissa tliet (3) seduti fil-mori sabiex isir il-kontro-ezami tax-xhieda fuq indikati b’dan li tordna lill-atturi sabiex jinnotifika b’dan id-digriet lid-difensuri tal-kontro-parti jew lill-kontro-parti u lill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli inkluza x-xhieda quddiemha prodotta.

Rat ir-rikors ta’ Carmelo u Amy ahwa Vella datat 7 ta’ Awissu 2006 a fol. 584 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom jassumu l-atti tal-kawza minflok ommhom Tereza Vella peress li llum saru maggorenni; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tali assunzjoni ta’ l-atti tigi ndikata fl-okkju tal-kawza u fl-atti kollha relattivi, u dan b’digriet datat 10 ta’ Awissu 2006 kollox kif jidher a fol. 585 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Novembru 2006 fejn il-kawza marret *sine die*.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datata 17 ta' Novembru 2006 (fol. 627) fejn l-atturi ddikjaraw li kien ghad ghandhom interess fil-kawza u talbu li l-kawza tigi riappuntata u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-23 ta' Jannar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza hija dwar incident li gara fit-23 ta' Mejju 1996 meta jirrizulta li l-konvenut spara lil Emanuel Vella li giet b'konsegwenza tal-griehi li garrab, u fil-fatt jirrizulta li l-istess *decujus* gie milqut b'erba' tiri mill-istess senter; konsewgenza ta' din il-fatalita' ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut li ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu ta' omicidju volontarju bl-iskuzanti ta' eccess ta' legittima difesa u dan kif jinsab indikat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-14 ta' Gunju 1999 u b'dan giet ikkonfermata is-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 9 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella"** (VDG). Illi fit-tezi attrici japplikaw anke l-principji kkonfermati fil-kawzi fl-ismijiet **"Norbert Farrugia vs John Farrugia et"** (P.A. (NC) – 13 ta' Marzu 2003) peress li d-danni dovuti huma naxxenti minn azzjoni kriminuza u b'hekk gew segwieti l-principji ndikati fil-kawza fl-ismijiet **"Francesco Gauci vs Salvatore Gauci"** (A.C. 30 ta' Novembru 1956 – Vol. XL B.ii. 370).

Illi llum jidher li l-konvenut qed jghid li huwa ma huwiex responsabbli ghad-danni sofferti b'rizultat ta' dak li sejjah incident li sehh f'dik il-gurnata, u ghalkemm formalment ma jghidx ghaliex, ghaliex eccezzjoni formali f'dan is-sens ma nghatatx fl-istess nota ta' eccezzjonijiet tieghu, fid-

dikjarazzjoni annessa ma’ l-istess jghid li huwa agixxa per legittima difesa (fol.12).

Illi apparti l-fatt li eccezzjoni ta’ dan it-tip ghandha tigi mressqa formalment, din il-Qorti thoss li la darba din hija l-allegazzjoni vantata minnu huwa oneru tieghu li jipprova l-istess *in vista* tal-principji *“iuxta allegata et probata”,* u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti f’din il-kawza dan certament ma giex ippruvat u dan peress li sabiex tirnexxi din id-difiza irid jirrizulta li l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli u dan l-ahhar element ma jkunx jezisti meta minflok wiehed jara li jevita l-konfront b’mod ragonevoli, huwa stess jaggrava is-sitwazzjoni jew ifittex konfront fiziku **“Il-Pulizija vs Augustu Augeliaro”** (A.K. (VGD) – 26 ta’ Awissu 1998); l-anqas tista’ tirnexxi din id-difiza meta wiehed seta’ evita l-istess hsara b’kull mod iehor, b’dan li l-perikolu irid ikun wiehed attwali, instantanju u assolut, b’mod li l-istess persuna ma setghatx taghmel mod iehor sabiex tiddefendi ruhha. **“Il-Pulizija vs Toni Micallef”** (A.K. 16 ta’ Ottubru 1937 – Vol. XXIX. iv. 764). Minn dan isegwi wkoll li korrellata ma’ l-istess difiza hija li r-reazzjoni trid tkun proporzjonata mal-att allegatament aggressiv **“Franceso Gauci vs Salvatore Gauci”** (A.C. 30 ta’ Novembru 1956 – Vol. XL B.ii. 370).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li qabel kien hemm dan l-incident kien hemm disgwid bejn il-partijiet kemm dwar divizjoni li kienet saret minn Catherine Vella, omm il-mejjet u l-konvenut, ta’ diversi porzjonijiet ta’ art formanti parti mill-art Ta’ Zwanu, Hal Far, limiti taz-Zurrieq, u wkoll fuq access ghall-istess, inkluz il-bini ta’ dura mill-mejjet f’dik li allegatament kienet il-porzjoni tal-konvenut, bil-konsewgenza li l-konvenut aggixxa kemm b’rapport lill-Pulizija u wkoll permezz ta’ ittra ufficjali fejninterpella lil huh Emanuel sabiex inehhi l-istess dura. Jidher li meta ircieva din l-intimazzjoni ufficjali l-istess Emanuel Vella mar fl-ghalqa tal-konvenut sabiex jaffronta lil huh ghaliex mexa b’dan il-mod, u jidher li kliem l-istess *decujus* kien wiehed aggressiv, fis-sens li ghajjar lill-konvenut ghaliex wasal li mexxa kontra tieghu permezz ta’ proceduri legali, tant li skond l-istess konvenut dan

qallu *"kellek ghalfejn tibghatli ittra bl-avukat biex inehhilek dik id-dura"*, u anke jidher li ghajjar lill-istess konvenut, ghalkemm ma jidher li kellu xejn f'idejh u lanqas biss kien gie in kuntatt mal-konvenut u jidher li l-istess konvenut mar lura fejn kellu l-affarijiet li kien gab mieghu, u fost dawn kien hemm senter, ghalkemm kien ghalaq iz-zmien tal-kacca, u kif ra li huh baqa' gej fid-direzzjoni tieghu, l-konvenut jghid li spara fil-baxx u jghid li wara li ma rax il-martu mar jigri hdejn il-vann u telaq minn fuq il-post.

Illi jidher li l-konvenut qed jipprova jaghti l-impressjoni li huwa hass ruhu u lill-familja tieghu f'perikolu car li ma setghax hlief jiddefendi ruhu mill-aggressjoni serja *da parte* tal-mejjet huh, izda din il-Qorti skond l-provi prodotti, anke ta' esperti ndipendenti ma tistax taccetta din il-versjoni tal-konvenut u dan ghal diversi ragunijiet fosthom li ma jirrizulta li kien hemm ebda kuntatt bejn l-istess mejjet u l-konvenut, minkejja l-fatt li skond il-konvenut dan kien lahqu u allura kien vicin sew tieghu; l-istess konvenut spara mhux tir wiehed izda erba' tiri u biex ghamel dan ghafas erba' darbiet anke jekk b'mod hafif il-grillu; it-tiri ma kienux diretti kollha lejn l-art tant li l-mejjet intlaqat fuq il-lemin tal-parti ta' fuq tad-dahar, fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu, fuq il-lemin ta' sidru, fuq in-naha ta' gewwa tas-swaba u fuq in-naha ta' gewwa ta' l-id u fuq id-driegh tax-xellug (xhieda ta' Dr. Mario Scerri – 21 ta' April 1999 – fol. 46); dan jinsab dettaljatament ikkonfermat mir-rapport ta' l-awtopsja li saret wara l-incident (Dok. "BE 1" – fol. 76) li juru li l-mejjet intlaqat f'diversi partijiet ta' gismu inkluzi f'ghonqu, fir-*"right flank u abdomen, right leg, right forearm",* tant li l-konkluzjoni hija li *"this man died of injuries due to gunshot wounds, in particular hypovolaemic shock to laceration of the liver and a tear of the right external and internal carotid arteries".*

Illi fil-fatt Dr. Bridgette Ellul xehdet fl-24 ta' Novembru 2000 (fol. 82) li Emanuel Vella miet kawza tal-griehi li garrab minn feriti kkawzati b'tali tiri minn arma tan-nar u partikolarment minhabba xokk talli tilef hafna demm li gie kkagunat minn lacerazzjoni tal-fwied u feriti fl-arterji tal-ghonq li huma *carotid arteries*, u fil-fatt tghid li kien hemm tliet feriti, tliet *entry wounds* separati, wahda iccentrata fuq

in-naha ta’ wara tal-ghonq, in-naha tal-lemin li tinkludi wkoll l-ispalla, dejjem minn wara, u ferita ohra ccentrata fuq il-genb tal-lemin tal-gisem u din ikkagunat il-ferita fil-fwied. Kien hemm ferita ohra fuq is-saqajn.

Illi minbarra dan hemm ukoll ix-xhieda ta’ l-espert ballistiku l-Brigadier Maurice Calleja (28 ta’ Jannar 2000 – fol. 67) li kien inkarigat mill-inkjesta magisterjali bhala tali li sostna li *“Emanuel Vella kien inqatel b’erba’ tiri sparati minn senter minn distanza ta’ madwar sitt metri”* u dan fl-opinjoni tal-Qorti jikkontradixxi ghal kollox it-tezi tal-konvenut, li jrid jaghti l-impressjoni li huh kien kwazi hatfu u kien kwazi gie f’idejh, haga li ma jistax ikun meta wiehed jikkonsidra d-distanza minn fejn gew sparati l-istess tiri. Din ix-xhieda hija kkorroborata wkoll minn dik ta’ P.S. 154 Jesmond Cassar fejn qal li *“dan is-senter kien gie sparat minn distanza ta’ madwar sitt metri mill-mejjet”.*

Illi mhux hekk biss izda jirrizulta li s-senter kien ikkargat u kellu fih erba’ skratacc, ezatt kemm jiflah, u li l-griehi sofferti mill-istess *decujus* minhabba tali tiri kienu konsonanti ma’ l-istess skratacc u distanzi fuq spjegati, b’mod li jidher car mir-rapport mediku (Dok. “BE1” – fol. 76 imhejji mill-esperti l-Professoressa M.T. Camilleri, Dr. S. Ali u Dr. B. Ellul), li t-tiri ma gewx sparati *“at point blank”* kif kellhom ikunu kieku wiehed kellu joqghod fuq il-versjoni tal-konvenut, li qal li ghamel li ghamel peress li l-mejjet kien lahqu u hatfu u ma hallhilux spazzju minn fejn jghaddi. Mill-istess rapport mediku jirrizulta wkoll li l-istess skratacc gew misjuba f’partijiet differenti ta’ l-istess ghalqa u dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-pjanta esebita mar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tieghu fl-inkjesta magisterjali li kienet sehhet wara l-qtil ta’ l-istess Emanuel Vella, liema rapport jinsab esebit bhala Dok. “RA 1” a fol. 548 tal-process. Fl-istess pjanta jidher a fol. 551 tal-process jidher li kien hemm distanza fejn instab il-katavru ta’ Emanuel Vella u l-erba’ skratacc li gew sparati mill-konvenut fid-direzzjoni tal-mejjet u dan ukoll allura jkompli jimmilita kontra t-tezi odjerna tal-konvenut. Dan kollu lanqas jikkombaccja ma’ dak li xehed il-konvenut fil-kontro-ezami li sar lilu fit-8 ta’ Gunju 2006 fejn l-istess konvenut jidher li jrid jaghti l-impressjoni li l-konvenut kien

hdejh tant li fetah idejh biex jahtfu, versjoni li certament ma taqbilx mad-distanzi minn fejn il-konvenut spara u fejn instab il-kadavru tal-mejjet, u dan kollox skond xhieda indipendenti, li bl-ebda mod il-konvenut ma kkontrasta. Anzi l-istess xhieda prodotta u rizultanzi xxejnu ghal kollox l-versjoni tieghu ta' legittima difesa f'dawn il-proceduri.

Illi hemm ukoll id-dettalji tar-rapport li sar fl-ghassa ezatt wara li gara l-incident fejn Maria Vella mart l-konvenut tghid li wara li rat lil huh zewgha gej lejn l-konvenut, skond hija ovvjament biex jolqtu, zewgha dar u qabad is-senter li kien hdejh u spara ma' l-art fid-direzzjoni ta' huh, hija tghid li marret sabiex tiehu is-senter minn idejn zewgha, izda tghid li l-konvenut kien mitluf u baqa' jispara,u peress li bezghet li setghat tintlaqat minnu, resqet flimkien mat-tarbija lura, mhux qabel ma rat lil Emanuel jaqa' ma l-art. Tghid li hija bdiet twerzaq u zewgha u hija marru jigru u marru fuq il-van (Dok. “PS” – fol. 120). L-istess konvenut jikkonferma din il-versjoni tant li jghid li l-ewwel spara ma' l-art izda peress li huh baqa' gej lejh, huwa baqa' jispara lejn huh, ghalkemm jghid li harab u rega' mar lura ghaliex kien halla lil mara warajh li bdiet tghidlu “x'ghamilt, x'ghamilt”. Dan ir-rapport gie kkonfermat mill-Ispettur Patrick Spiteri li investiga l-incident diversi drabi nkluz fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Jannar 2005 (fol. 419), u wiehed ma jistax ma jinnotax li din il-versjoni hija ferm differenti minn dik li ta l-istess konvenut u martu f'dawn il-proceduri, u ghalhekk ukoll din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut ma tistax titwemmen u ma tistax tigi accettata d-difiza tieghu li huwa agixxa in legittima difesa, tant li tali difiza ma giet bl-ebda mod ippruvata mill-atti ta' din il-kawza. Hawn wiehed ghandu jara d-differenza sostanzjali li hemm bejn l-affidavits tal-konvenut u Maria Vella pprezentati fit-30 ta' Settembru 2004 u dak li gie ndikat li l-istess qalu fir-rapport fuq indikat li juru bic-car li l-versjoni taghhom f'din il-kawza ma hijiex veritiera u wisq inqas kredibbli.

Illi mhux hekk biss, izda bla pregudizzju ghal dak hawn deciz u anke jekk ghall-grazzja tal-argument tigi kkunsidrata l-eccezzjoni tal-konvenut, din tmur ukoll kontra l-ammissjoni tieghu tal-akkuza kriminali fejn huwa

stess ammetta fl-istess proceduri kriminali kontra tieghu li kien hati ta' omicidju volontarju bl-iskuzanti tal-eccess ta' legittima difesa, u fejn abbazi ta' tali ammissjoni l-Onorabbli Qorti ta' l-Ewwel grad ikkumentat fis-sentenza taghha tad-9 ta' Gunju 1998 li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tan-numru ta' tiri sparati, d-dinamika u tiri juru li kien hemm eccess konsiderevoli u certament mhux traskurabbli da parte tal-konvenut odjern. Dan gie kkonfermat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella"** tal-14 ta' Gunju 1999 (fol. 103) u dan fih innifsu jwassal ukoll sabiex anke taht din il-bazi l-istess konvenut civilment jigi ddikjarat responsabbli tal-mewt ta' huh Emanuel Vella u wkoll sabiex l-unika eccezzjoni tal-konvenut tigi michuda. Fil-fatt tali sentenza kriminali li ghaliha l-konvenut issokkomba hija wkoll prova kontra tieghu apparti li ma hijiex konsistenti ghall-eccezzjoni tieghu hawn sollevata. **"Jane Carbonara *proprio et nomine* vs Mark Julian Ryan"** (P.A. (PS) – 28 ta' Jannar 2004).

Illi ghal dawk li huma danni f'dak li huma *damnum emergens* ma hemm prova ta' xejn u ghalhekk jonqos li jigi ndikat l-ammont ta' danni maghruf bhala *lucrum cessans* u hawn din il-Qorti taghmel riferenza proprju ghall-**artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Illi issa tenut kont ta' dan l-**artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li

fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta' deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b'mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" (A.C 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja *nomine et* vs George Agius *nomine*"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit*

*sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited**" - P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) u **"Francis Meilaq et vs Brian Bonnici"** (A.C. – 27 ta' Frar 2003).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1 ta' Marzu 1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. (N.A.) 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et**" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi f'kaz ta' mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius"** (A.C. 28 ta' Novembru 2003) fejn inghad:-

*"Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili".*

Illi thoss li fic-cirkostanzi l-istess gurisprudenza ghandha tigi applikata ghall-*fattispecie* tal-kaz odjern u dan fis-sens li ghandhu jinzamm l'hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorattiva ma' dak tac-*"chances and changes of life"* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier*

skond id-decizjonijiet l-aktar ricenti nkluzi dawk ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u tenut kont li fid-data tal-mewt Emanuel Vella kellu 39 sena, l-*multiplier* adoperat ghandu jkun ta' 21 snin, tenut kont anke ta' l-izviluppi ricenti u l-aspettativa tal-hajja tal-bniedem illum.

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005) inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti, nkluz dwar *multiplier* b'riferenza ghall-kawzi **"Saviour Sammut et vs Robert Demanuele"** (P.A (GV) - 12 ta' Lulju 2002) u **"Yvonne Cassone proprio et nomine vs Alfred Calamatta et"** (P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004) u **"Amabile Azzpardi vs Anthony Xuereb"** (P.A. (DS) 14 ta' Jannar 2004) u b'dan li s-somma li tirrizulta wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti fis-sens li ser timxi fuq l-ammont ta' introjtu ghas-sena 1995 ta' Lm4,161 (€9696.52) (fol. 192) (tnaqqis ta' l-ammont ta' Lm400 (€931.75) kera gja inkluz) u tali somma ghandha tigi awmentata b'dak imsejjah bhala *multiplicand* fl-ammont ta' Lm700 (€ 1630.56), li jwasslu ghas-somma ta' Lm4,861 (€323.08) b'dan li ma ghandu jsir ebda tnaqqis minhabba d-*degree of dependency* ghax l-atturi huma wlied id-*decujus,*(**"Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et"** – P. A. (TM) – 28 ta' April 2005) izda minn tali ammont jitnaqqas dak l-ammont indikat ghal *self consumption* ta' 25% u b'hekk ir-rizultat ta' l-istess jammonta ghas-segwenti:-

(Lm4,861 x 21 x 75% = Lm 76,560).
[€11323.08 x 21 x 75% = €178,336.83]

Illi ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghall *lump sum payment* u dan minhabba li l-incident in kwistjoni ilu li gara mis-sena 1996 apparti dak ritenut fis-sentenzi fuq citati dwar l-istess inkluz fil-kawza **"Gerhard Kruger vs Paul Bondin"** (P.A. (JRM) – 4 ta' Novembru 2004) u dik fl-imsijiet

**“Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et”** (P.A. – 20 ta’ Gunju 2002) fejn inghad li:-

*“Il-Qorti thoss li dan il-persentagg ghandu jonqos bi 2% ghal kull sena li l-kwistjoni ddum ma tigi determinata b’mod li wara ghaxar snin dan it-tnaqqis ma jsehhx"*

Illi ghalhekk it-tieni u tielet talba attrici ghandhom jigu milqguha fl-ammont ta’ Lm76,560 (€178,336.83).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ l-incident li sehh fit-23 ta’ Mejju 1996 f’Hal Far meta l-konvenut spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta’ Emanuel Vella bil-konsegwenza li kagun tal-griehi li garrab l-imsemmi Emanuel Vella miet;

2. Tillikwida d-danni kkawzati lill-atturi fl-ammont ta’ sitta u sebghin elf, hames mija u sittin Lira Maltija (Lm76,560). [mija u tmienja u sebghin elf, tliet mija u sitta u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmi ta’ Ewro] (€178,336.83).

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata fl-ammont ta’ sitta u sebghin elf, hames mija u sittin Lira Maltija (Lm76,560) [Mija u tmienja u sebghin elf, tliet mija u sitta u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmi ta’ Ewro] (€178,336.83).

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta’ inibizzjoni pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------